MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Numru 346/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**EMANUEL BALZAN**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuel Balzan ta’ 32 sena, bin Joseph u Lucia nee’ Pace, imwieled Attard fis-26 ta’ Jannar 1977, li joqghod f’numru 138, Triq Santa Lucija, Naxxar u detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 128177M gie akkuzat:

Talli fi Frar 2009, u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda

li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tad-diretturi ta' RTS Ltd u Simsal Properties, Albert Balzan, Paul Micallef, Saviour Busuttil, Carmel Deguara, Anthony Micallef u/jew persuni ohra;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. u aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tad-diretturi ta' RTS Ltd u Simsal Properties, Albert Balzan, Paul Micallef, Saviour Busuttil, Carmel Deguara, Anthony Micallef u/jew persuni ohra liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cekkijiet ta' l-HSBC Bank Malta plc, li jippartjeni lid-diretturi jew rappresentant ta' RTS Ltd, Albert Balzan u/jew persuni ohra, u dokumenti ohra, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu presentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minnhom;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

6. u aktar talli fl-istess zmien ikkommetta serq ta’ cheque book ghad-dannu tad-diretturi ta’ RTS LTD u HSBC Bank Malta PLC, liema serq huwa aggravat bil-lok;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 269(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

7. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod iehor li ikun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti gejjin mir-reat ta’ serq;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

8. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’Sentenza moghtija mill-Magistrat Dr

Edwina Grima LL.D. fis-27 ta' Mejju, 2008, liema Sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li m'ghandux htiega li jkun assistit minn avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat dwar id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat pero' l-imputat ikkonferma li m'ghandux htiega li jkun assistit minn avukat.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 18 ta' Mejju, 2009 u nnutat li l-imputat Emanuel Balzan m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 51, 167, 169, 183, 184, 188, 261(e), 269(g), 281, 282, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Emanuel Balzan, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Emanuel Balzan ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) u sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------